



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13191/23
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0324(NLE)**

COEST 520
POLCOM 203
FISC 199

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 536 final
Suġġett:	ANNESS ta' [...] Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Anness XXII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 536 final.

Mehmuż: COM(2023) 536 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2023
COM(2023) 536 final

ANNEX

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Anness XXII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

ANNESS

DEĊIŻJONI NRU.../2023 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-GEORGIA

li temenda l-Anness XXII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-GEORGIA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 406 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (minn hawn' il quddiem "il-Ftehim") bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fis-16 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Il-Preambolu tal-Ftehim jirrikonoxxi l-impenn tal-Georgia li progressivament tapprossima l-leġislazzjoni tagħha fis-setturi rilevanti ma' dik tal-UE, skont dan il-Ftehim u li timplimentaha b'mod effettiv. Il-Preambolu rrikonoxxa wkoll l-impenn tal-Partijiet li jirrispettaw il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli, li jipproteġu l-ambjent u jtaffu t-tibdil fil-klima, li jtejbu kontinwament il-governanza ambjentali u li jissodisfaw il-ħtiġijiet ambjentali, inklużi l-kooperazzjoni transfruntiera u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali multilaterali, kif ukoll ir-rieda tagħhom li jtejbu l-livell tas-sikurezza tas-saħħa pubblika u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem bħala element essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekonomiku. Il-Partijiet esprimew it-twemmin li l-Ftehim se johlq klima għda għar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Partijiet u fuq kollox għall-iżvilupp tal-kummerċ u l-investment, u se jstimula l-kompetizzjoni, li huma fatturi kruċjali għar-ristrutturar u l-immodernizzar ekonomiku.
- (3) L-Artikolu 1 tal-Ftehim jirreferi għall-oġettiv li jiġu appoġġati l-isforzi tal-Georgia biex tiżviluppa l-potenzjal ekonomiku tagħha permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż permezz tal-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tagħha ma' dik tal-UE.
- (4) L-Artikolu 283 tal-Ftehim jistabbilixxi li l-Partijiet għandhom jiżviluppaw l-kooperazzjoni tagħhom u jarmonizzaw il-politiki fil-ġlieda kontra l-frodi u l-kuntrabandu ta' prodotti soġġetti għas-sisa. Din il-kooperazzjoni se tinkludi, fost l-oħrajn, l-approssimazzjoni gradwali tar-rati tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk, sa fejn possibbli, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet fil-kuntest reġjonali, u skont il-Qafas tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk.
- (5) L-Artikolu 285 tal-Ftehim jistabbilixxi li l-Georgia se twettaq l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tagħha mal-atti tal-UE u l-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Anness XXII għal dan il-Ftehim skont id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Anness.

- (6) Skont l-Artikoli 406 (1) u (3) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jadotta deċiżjonijiet bl-għan li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim. B'mod partikolari, hija tista' taġġorna jew temenda l-Annessi għall-Ftehim, filwaqt li tqis l-evoluzzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-istandards applikabbli stabbiliti fi strumenti internazzjonali meqjusa rilevanti għall-Partijiet.
- (7) Għalhekk, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jemenda l-Anness XXII tal-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Skont l-Anness XXII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, sa tmiem l-2026 id-dazju tas-sisa globali (li għandu jikkonsisti f'komponent speċifiku ta' bejn 7.5 % u 76.5 % tal-piż tat-taxxa totali — espress bħala ammont fiss għal kull 1000 sigarett u komponent ad valorem — espress bħala perċentwal tal-prezz massimu tal-bejgħ bl-imnut) fil-Georgia ma għandux ikun inqas minn EUR 90 għal kull 1000 sigarett u inqas minn 60 % tal-prezz medju ppeżat bl-imnut. Il-Georgia għandha tiżgura r-rata fil-mira tad-dazju tas-sisa permezz ta' żieda gradwali sal-2026.

Artikolu 2

Skont l-Anness XXII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat, sa tmiem l-2026 id-dazju tas-sisa globali (dazju speċifiku u dazju ad valorem kif xieraq) fil-Ġeorġja ma għandux ikun inqas minn 5 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut jew EUR 12 għal kull 1000 oġġett jew għal kull kilogramm għal sigarri u sigarri żgħar, 50% tal-prezz medju ppeżat tal-bejgħ bl-imnut jew EUR 60 għal kull kilogramm għal tabakk tat-tipjip imqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti, 20% tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut jew EUR 22 għal kull kilogramm għal tabakk ieħor għat-tipjip. Il-Georgia għandha tiżgura r-rati fil-mira tad-dazju tas-sisa permezz ta' żieda gradwali sal-2026.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
Il-President